MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 796/2012

**Lucienne Carabott K.I. 482079(M)**

**vs.**

**Simon Bartolo K.I. 298970(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€253.64) mingħand il-konvenut – rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż mediċi tal-minuri ulied il-partijiet, inkorsi sal-aħħar ta' Ġunju 2012, dovuti mill-konvenut skond l-Artikolu 8 tal-ftehim li jifforma parti integrali mid-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħti fl-24 ta' Novembru 2010.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fid-29 ta' Jannar 2013.

Illi fl-istess seduta sema lill-konvenut jixhed bil-gurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€253.64).

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett ta' tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€253.64), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta' Novembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-avviż, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------